MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 391/2008

**Go p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Maria Lucia Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fis-26 ta` Mejju, tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta` €310.49c, rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21422213 in konnessjoni ma` account number 40033211.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ezamina d-dokumenti ezebiti ma` l-avviz cioe` Dok. A, Dok. B u Dok. C.

Sema` lil PL Noel Scerri prodott mis-socjeta` attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi baqa` ma sar ebda pagament fil-mori ta` dawn il-proceduri.

Gie notat ukoll illi l-konvenuta ghalkemm imsejha diversi drabi baqghet ma deheritx biex taghti l-verzjoni taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €310.49c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------